# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 425/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

***Ommisis***

**Kyle Cesare**

**Emanuel Briffa**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra *ommisis*, l-appellati Kyle Cesare, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 351795M u Emanuel Briffa, detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 89894 M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-Belt Valletta u/jew f'dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta' Jannar 2016 u is-27 ta' Marzu, 2016:

1. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta imsemmi fl-Att Dwar il-

Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players (Kapitolu 263) tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalih hemm iil-piena ta' prigunerija.

Lil Kyle Cesare u Emanuel Briffa wehidhom:

2. Talli bhala players tal-futbol tat-tim nazzjonali Malti ta' taht il-wiehed u ghoxrin sena (U21) accettaw jew kisbu, jew ftehmu li jaccettaw jew jiksbu, jew ippruvaw jiksbu, minghand xi persuna ghalihom innfushom jew ghal xi persuna ohra tkun min tkun xi rigal jew kumpens sabiex jithajjru jaghmlu jew bi tpattija talli jaghmlu jew jonsqu milli jaghmlu, jew talli, wara li beda jsehh dan l-att, ghamlu jew naqsu milli jaghmlu, xi haga li l-eghmil jew in-nuqqas tal-eghmil taghha huwa kontra l-interessi tan-naha li jilghab maghha jew kontra l-interessi tal-persuna jew kazin li qabbadu jew li ghalih jidher;

Lil *ommisis* wahdu:

3. Talli ta, ftiehem li jaghti jew offra jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew tiftiehem li taghti jew toffri xi rigal jew kumpens lil xi player tal-futbol tat-tim nazzjonali Malti ta' taht il-wiehed u ghoxrin sena (U21) jew lil xi ufficjal jew organizzatur biex thajru jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli, wara li jkun beda jsehh dan l-Att, ikun ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga li, jekk issir jew tonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli rrenda ruhu bhala komplici ma' Seybel Zammit ID 289994M f'delitt imsemmi fl-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players (Kapitolu 263) tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

5. Talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li tapplika l-Artikolu 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Awwissu, 2016 li biha ddikjarat lill-imputati mhux hatja ta' l-ewwel (1) imputazzjoni dedotta kontra taghhom u minnha illiberathom. Iddecidiet billi bl-applikazzjoni tal-artikolu 33(b) tal-Kap 9 tiddikjara lill-imputati Kyle Cesare u Emanuel Briffa ezenti minn responsabilita' kriminali ai termini tal-istess artikoli u ghalhekk iddikjarathom mhux hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra taghhom u minnha illiberathom;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Settembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellati hatja skont l-imputazzjonijiet u tinfliggi piena skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensuri tal-appellati;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali jillanja s-sentenza liberatorja tal-ewwel Qorti bil-gravam principali tal-apprezzament zbaljat tal-provi u konsegwenti enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. L-appellant huwa tal-fehma illi kienu jezistu l-elementi kollha tar-reat ta' assocjazzjoni u mhux kif kkonkludiet l-ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni. L-Avukat Generali huwa kritiku ukoll tad-decizzjoni tal-ewwel Qorti meta applikat l-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali proprju ghalhiex ma kien hemm ebda element ta' koerzjoni li gieghel lill-appellati jagixxu in flangrante l-artikolu 3 tal-Kaptiolu 263 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Minn ezami tas-sentenza appellata, una volta skartati l-pagni interminabbli ta' citar mill-ewwel Qorti ta' dikjarazzjonijiet ta' entatijiet u persunaggi, fosthom sportivi, dwar it-tixhim u l-manipulazzjoni tar-rizultati fl-isport inkluz tislim lit-tim nazzjonali tal-wiehed u ghoxrin sena, li frankament ma kienu ta' ebda ghajnuna ghar-rizoluzzjoni tal-kwisjtoni devoluta quddiemha, jemergi is-segwenti. Fit-23 ta' Marzu 2016, it-team nazzjonali Malti tal-futbol ta' taht il-wiehed u ghoxrin sena, kellu inkontru mat-team tal-Montenegro u iehor mat-team tar-Repubblika Ceka fid-29 ta' Marzu. L-Integrity Officer tal-Malta Football Association kien ircieva indikazzjonijiet qawwija li seta kien hemm *match fixing* bix-xiri ta' players Maltin fil-loghba kontra Montenegro, gia milghuba u possibilment f'dik kontra r-Republika Ceka li kien ghada trid tintlab u ghalhekk ghamel rapport lill-Pulizija. Inoltre, zewg *players* kienu infurmawh illi kienu avicinati minn persuna bl-iskop li jinxtraw ghal dawk iz-zewg loghobiet;

3. Wara investigazzjoni, l-Pulizija ressqet lill-certu Seybel Zammit quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex iwiegeb ghal-diversi reati konessi mat-tixhim ta' *players*, ghal liema imputazzjonjiet irregistra ammissjoni u instab hati, izda ma inghatax piena in linea mal-artikolu 7 u 9 tal-Kapitolu 263 la darba ghazel illi jizvela l-involviment tieghu f'dan il-kaz. A bazi tal-informazzjoni moghtija

minn Seyble Zammit, il-Pulizija imbaghad ghaddiet biex tressaq lill-appellati Emanuel Briffa u Kyle Cesare bhala *players* flimkien ma' Ronnie Mackay bhala l-persuna li allegatament orkestra l-allegat xiri ta' dawn il-*players*. Wara separazzjoni tal-gudizzju, l-proceduri kontra Ronnie Mackay komplew separatament u l-ewwel Qorti prolatat s-sentenza taghha fil-konfront taz-zewg appellati;

4. L-ewwel Qorti ghamlet sintesi korretta tax-xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll tal-appellati u ma hemm l-ebda htiega li dan l-ezercizzju jsir mill-gdid. In succint, izda, tajjeb li jinghad illi ghal-loghba tat-23 ta' Marzu kontra l-Montenegro, l-Malta Football Association (MFA) kellha informazzjoni "persistenti" li din il-loghba setghet kienet mahduma. Huwa spjega kif l-affiljazzjonijiet internazzjonali huma intizi f'moniteragg tat-*trends* fil-*betting* u ghalhekk sia din l-informazzjoni kif ukoll informazzjoni kunfidenzjali ohra wasslitu biex jaghmel rapport lill-Pulizija;

5. Seyble Zammit xehed li kien avvicinat minn Ronnie Mackay sabiex isiblu cirka tmien *players* lesti li jinxtraw ghall-loghba kontra Montenegro. Hu accetta u kellem diversi *players* izda kullhadd cahad il-proposti tieghu hlief ghall-appellati u ghalhekk l-arrangament ghal dik il-loghba kellu jkun abbandunat u ttenta jhajjarrahom ghat-tieni loghba izda safa' arrestat u ghalhekk l-pjan waqaf hemm. Huwa spjega kif kien imwieghed sebat elef euro ghax-xoghol tieghu izda malli informa lill-mandanti illi ma kienx qed jirnexxielu jsib bizzejjed *players* gie f'sitwazzjoni fejn kellu jhallas hu dak l-ammont lill-mandant u ghalhekk ghamel minn kollox sabiex il-pjan jirnexxi. Zammit spejga fid-dettall dwar l-inkontri li kellu mal-appellati kif ukoll ma' zewg *players* ohra b'dawn tal-ahhar jirrifjutaw minnufih;

6. Luke Montebello, *player* li rrifjuta jippartecipa, ddeskriva kif Seyble Zammit, li kien jafu minn qabel, talbu biex jiltaqghu minghajr ma qallu r-raguni. L-inkontru sehh fejn il-pixxina tal-Qroqq fil-karozza ta' Zammit fejn mieghu kien hemm l-appellat Kyle Cesare. Hu u Cesare qadu jisimghu il-proposta ta' Zammit biex jirrangaw il-

loghba billi jitilfu l-ewwel *half* u jitilfu ukoll it-tieni *half* bi hlas ta' bejn €2500 u €3000 izda Monebello minnufih irrifjuta. L-ghada rega cempillu Zammit izda ikkonfermalu li ma riedx jaf u minn hemm 'l quddiem inqata' l-kuntatt;

7. *Player* iehor, Samir Arab xehed illi hu kien jaf lil Zammit minn qabel u fi zmien precedenti l-loghba stiednu ghall-kafe, accetta, u ltaghu gewwa cafe il-Gzira fejn kien hemm ukoll iz-zewg appellati. Zammit ghamel l-offerta lit-tlieta li huma, igifieri biex jitilfu kontra l-Montenegro ghall-hlas ta' €3000. Huwa ma accettax u wara diversi telefonati li ghamillu Zammit rega ltaqgha mieghu f'Cafe' il-Belt biex jghidlu li ma jridx jaghmel dawn l-affarijiet u ma jibqax jiffittah aktar. Hemmhekk, igifieri fil-cafe tal-Belt, kien hemm ukoll l-appellat Emanuel Briffa u f'hin minnhom Zammit hareg u rega dahal akkumpanjat minn persuna li qalet li hi Ronnie Mackay u persuna ohra Asjatika li izda ma tkellem xejn. Wara li Samir Arab rega kkonferma r-rifjut tieghu li jippartecipa, Zammit awmenta l-offerta ghal €5000;

8. Iz-zewg appellati ltaqghu tlett darbiet kull wiehed ma' Seyble Zammit skond kif jemergi mid-deposizzjoni taghhom fis-segwenti li sintensi. Emanuel Briffa rrakonta kif gimghatejn qabel il-loghba kontra l-Montenegro, Seyble Zammit ziedu bhala kuntatt fuq Facebook u mill-ewwel beda jikkomunika mieghu, talbu inkontru minghajr ma qallu dwar x'hiex u iltaqghu hdejn id-dar ta' Briffa. Zammit ghamillu l-proposta u ghall-ewwel ried jirrifjuta izda jghid li l-proposta hasditu u bil-fixkla qallu li kien ser jahsibha. Briffa spjega kollox lill-missieru li minnufih avzah biex ma jaghmilx dawn l-affarijiet u kien deciz li jirrifjuta. Zammit rega ghamel kuntatt mieghu u regghu ltaqghu fil-Cafe' tal-Gzira fejn minnufih infurmah li ma kienx ser jaccetta izda ftit wara dahlu Samir Arab u Kyle Cesare u kullhadd rrifjuta l-proposta li jinxtraw b'Zammit jibqa' jgholli l-offerta ta' kumpens. L-ghada Zammit cempillu diversi drabi izda ma wiegbux u fl-ahhar iddecieda li jirritorna t-telefonati fejn ceda ghall-pressjoni biex jergghu jiltaqghu. It-tielet inkontru fil-fatt sehh ftit

wara f'Cafe' gewwa l-Belt u Briffa talbu biex ma jiffittahx aktar u f'daqqa wahda dahal Samir Arab, hareg Zammit u rega dahal akkumpanjat minn zewg persuni, wiehed minnhom Azjatiku. Zammit staqsa lill-Briffa x'kien ser jaghmel u dan wiegbu li gia kien deciz li ma jippartecipax. Talbu biex inizzel *application* jisimha Telegram ghal fuq it-telefon tieghu u hareg 'l barra flimkien ma' Samir. Huwa nizzel l-*app* bl-iskop li Zammit jirrepeti l-offerta bil-mikub u jkollu x'juri li rrifjuta. Wara l-loghba kontra l-Montenegro, Zammit rega ghamel kuntatt mieghu biex jidhol fil-loghba kontra r-Republika Ceka izda wiegbu li ma kienx dahal fl-ewwel wahda u lanqas ma kien diehel fit-tieni;

9. Kyle Cesare xehed illi kien ilu jaf lill-Seyble Zammit u ghalhekk kien accetta jiltaqa' mieghu fejn il-pixxina tal-Qroqq fejn kien qed jaghmel *training* biex jitkellmu bhas soltu. Wara ftit u ad insaputa tieghu wasal Luke Montebello, saret il-proposta u minnufih rrifjuta. Ftit wara Zammit rega ghamel kuntatt u t-tnejn ftehmu li jiltaqghu fil-Cafe' tal-Gzira u appena dahal ra li kien hemm ukoll Samir Arab u Emanuel Briffa. Minn naha ta' Zammit id-diskors rega waqa' fuq il-loghba ta' Montenegro u Cesare ma setghax jifhem ghaliex la darba kien ghamilielu cara li ma riedx jaf. Hadd mill-*players* ma accetta l-proposta u malli spicca l-inkontru, Cesare hassar in-numru ta' Seyble Zammit minn fuq it-telefon ghaliex ma riedx ikollu x'jaqsam aktar mieghu. Fit-tielet okkazzjoni, rega cempillu Zammit biex jiltaqghu izda avzah li kellu appuntament iehor. Malli kien miexi lejn il-karozza tieghu, izda, sab lil Zammit jistennieh u dan dahallu fil-karozza fejn fil-pront tfaccat vettura ohra li minnha harget persuna Azjatika u dahlet f'dik ta' Cesare. Bil-biza lanqas jaf x'kien qed jigri u lanqas seta jifhem x'kienu qed jghidu Zammit u l-Azjatiku bejnithom;

10. Maghmulha din ir-rassenja tal-fatti, l-ewwel reat dedott kontra l-appellati huwa dak ravvizat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali. Dan jipprovdi hekk:

**48A. (1) Kull min f'Malta jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa, ikun hati tar-reat ta' assocjazzjoni biex jaghmel dak ir-reat.**

**(2) L-assocjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda tezisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tigi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.**

**(3) Kull min jinsab hati ta' assocjazzjoni taht dan l-artikolu jista' jehel il-piena ghal-delitt ikkunsmat li jkun l-ghan tal-assocjazzjoni, mnaqqsa b'zewg gradi jew tlieta.**

**(4) Ghall-ghanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tigi stabbilita l-piena ghar-reat shih li jkun l-ghan tal-assocjazzjoni, ghandhom jitqiesu c-cirkostanza kollha li jaggravas dak ir-reat.**

11. L-ewwel Qorti, wara li elenkat l-elementi ta' dan ir-reat konsistenti fi ftehim bejn tnejn jew aktar min nies, bl-intenzjoni li jsir r-reat u bi pjan ta' azzjoni miftiehem, wasslet ghall-konkluzzjoni li ma kienux jirrizultaw l-elementi kollha ta' dan ir-reat *"fosthom li ma kienx hemm il-pjan ta' azzjoni miftiehem"*. L-Avukat Generali ma jaqbilx ma' din il-konkluzzjoni u jargumenta illi ghalkemm l-ewwel Qorti ma kellhiex dubju li l-appellati kienu iltaqghu ma haddiehor u kien miftiehem l-ammont ta' hlas, ikkonkludiet li l-pjan ta' azzjoni kien nieqes u dan meta rrizultat l-assocjazzjoni bil-pjan li tintilef il-loghba bi *score* determinat u versu hlas ta' €3000;

12. Ir-ragunament u konkluzzjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-reat in ezami kien is-segwenti:

*It-tliet elementi tal-assocjazzjoni huma:*

*a) Ftehim bejn tenjn jew aktar min nies; b) l-intenzjoni li jsir ir-reat; c) u pjan ta' azzjoni miftiehem.*

*Mhux relevanti jekk dak il-ftehim tpoggiex fil-prattika.*

*L-intenzjoni wehidha mhix bizzejjed. Jinhtieg li l-persuni li ser jiehdu parti fl-assocjazzjoni jkunu ftehmu dwar il-mezzi, ikunu xi jkunu, biex jagixxu, u m'hemmx bzonn li huma jew xi persuna ohra ghamlu xi atti*

*ohra sabiex jitwettaq il-pjan ta' azzjoni miftiehem. Dan qed jinghad ghaliex jekk barra mill-ftehim dwar il-kommissjoni tar-reat u dwar il-pjan ta' azzjoni jkun hemm il-bidu tal-esekuzzjoni tal-azzjoni miftiehma, jew jekk ir-reat ikun sehh, il-persuni involuti jkunu jistghu jkunu akkuzat kemm bl-assocjazzjoni kif ukoll bit-tentattiv jew bir-reat komplut. Ghall-finijiet tat-tentattiv jew tar-reat ikkonsmat, dawk li jiehdu parti fl-assocjazzjoni jsiru komplici jew co-principals.*

*M'hemmx dubju li effitavment l-imputati kienu iltaqghu ma' Seyble Zammit. Emanuel Briffa ltaqa' ma' Zammit u Ronnie Mackay u tkellmu dwar il-possibilita' li jbieghu l-loghba Malta kontra l-Montenegro. Seyble Zammit sahansitra anke qalilhom li jekk jaccettaw huwa jinghataw is-somma ta' tliet elef ewro (€3,000).*

*Fl-opinjoni tal-Qorti l-akkuza kif kontemplata fl-Artikolu 48A ma tirrizultax ghaliex ma jirrizultawx l-elementi kollha tal-assocjazzjoni foshtom li ma kienx hemm – il-**pjan ta' azzjoni miftiehem**. (Enfasi ta' din il-Qorti).*

13. Fir-risposta tieghu ghar-rikors tal-appell, l-appellat Kyle Cesare isostni li ma kienu jirrizultaw ebda wiehed mill-elementi tar-reat u fis-sottomissjonijiet verbali taghhom id-difensuri taz-zewg appellati huma tal-istess fehma u jiccitaw awturi u gurisprudenza in sostenn tal-argument taghhom. Tajjeb ghalhekk issa li jkun ezaminat fid-dettall dan ir-reat;

14. Ir-reat ravvizat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, dak tal-assocjazzjoni bl-ghan ta' kommissjoni ta' delitt, huwa differenti minn dak tal-attentant ta' reat ex artikolu 41 u tal-organizazzjoni kriminuza ex artikolu 83A tal-Kodici Kriminali u l-elementi li jikkostitwuhom. Ir-reat in dizamina, li huwa wiehed mill-atti preparatorji ghar-rejat konsmat jew l-attentat tieghu u li ghalhekk jista' jirrizulta indipendentement mir-reat jew l-attentat, jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi: il-ftehim bejn tnejn min nies jew aktar; l-intenzjoni li jsir ir-reat (specifikat u mhux wiehed generiku li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija); u pjan ta' azzjoni miftiehem. Is-

sejbien ta' htija o meno jirraviza ezercizzju xejn facli li, in mankanza ta' xi forma diretta tal-ezistenza ta' ftehim, jirrikjedi interpretazzjoni ta' kull cirkostanza u partikolarita' li tista' twassal ghall-konkorrenza ta' dawn it-tlett elementi b'mod partikolari ghaliex ma hemmx dik il-presunzjoni feroci ghall-ezistenza tieghu bhala per ezempju fir-reat kontemplat fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9, dak tal-pussess mhux gustifikat ta' flus jew oggetti ohra minn persuna kkundannata ghal serq jew ricettazzjoni.

15. Fil-Kenny's OUTLINES OF CRIMINAL LAW –Ninth Ed, 1966 huwa ritenut illi:

**Pg. 101: But so far as the law of the present day is concerned the House of Lords has declared (a) that the gist of conspiracy is the agreement, whether or not the object is attained; and (b) that the purpose of making such agreements punishable is to prevent the commission of the substantive offence before it has even reached the stage of attempt, and (c) that is all part and parcel of the preservation of the Queen's peace within the realm.**

**Pg 431: As to the evidence admissible, the principles are just the same for consipracy as for other crimes. But owing to two precularities in the circumstances to which those principles are here applied, it often seems as if there were an unusual laxity in the modes of giving proof of an accusation of conspiracy. For (a) it rarely happens that the actual fact of the consipiring can be proved by direct evidence, since such agreements are usually entered into both swiftly and secretly. Hence they ordinarily can be proved only by an inference from the subsequent conduct of the parties, in committing some overt act which tend so obviously toward the alleged unlawful result as to suggest that they must have arisen from an agreement to bring it about. Upon each of several isolated doings a conjectural interpretation is put; and from the aggregate of these interpretations an inference is draw.**

16. Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 in rigward jghallem illi:

**The essence of consipracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself .... Nothing may be done in pursuit of the agreement ...The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstance from this the jury may**

**presume it. ...Proof of the existence of a consipracy is generally a matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them.**

17. Applikat dan l-insenjament ghall-kwistjoni odjerna, irid jinghad illi l-appellati kellhom tlett inkontri ma' Seybel Zammit. Wara l-ewwel inkontru li jidher li kien hasad it-tnejn li huma, qablu li jergghu jiltaqghu mieghu u regghu iltaqghu ghat-tielet wiehed izda fil-kaz tal-appellat Cesare, jghid illi it-tielet inkontro kien involut u indeziderat ghaliex kien Seybel Zammit li ghallarieda dahal fil-vettura tieghu flimkien ma' persuna Azjatika. Il-mistoqsija segwenti hija ghalhekk inevitabbli: Ghaliex, la darba l-proposta originali ta' Seybel Zammit, li jidher li prezenta ruhu bhala individwu persistenti zzejjed, kienet daqstant skandaluza ghall-appellati, ghazlu li jergghu jiltaqghu mieghu? Huma kellhom d-dover illi jirrapurtaw l-fatt li kienu avvicinati minn Seybel Zammit ai termini tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 263 u dan fi zmien tlett xhur u minkejja li dan it-terminu ma kienx ghadu ddekorra, setghu dejjem jirrikorru ghal din il-forma ta' protezzjoni mill-aktar fis possibbli biex jezimu ruhhom minn kull responsabilita';

18. Kyle Cesare jghid illi nizzel l-applikazzjoni fuq it-telefon tieghu li rrakomandalu Seybel Zammit sabiex ikollu l-prova li saritlu l-offerta u l-prova li rrifjuta. Wara t-tielet inkontru hassar in-numru ta' Zammit mid-direttorju tieghu izda fir-realta' huwa aktar minn ovvju li b'daqshekk ma kien ser iwaqqaf l-ebda ricevuti ta' telefonati minn Zammit u li tali thassir seta sar ghal-motivi ohra. Il-kwadru li jirrizulta lil din il-Qorti huwa wiehed li jmur ferm oltre dak fejn Seybel Zammit avvicina lill-appellati, dawn irrifjutaw u kollox spicca hemm. Dak li jirrizulta hu li wara l-ewwel inkontru, regghu iltaqghu ma' Zammit fit-tieni laqgha kien hemm *players* ohra u dan jista' biss jinferixxi li mhux biss kienu accettaw il-proposta talli l-presenza taghhom kienet mehtiega sabiex ihajru *players* ohra izda minflok ma

ghazlu li jiehdu l-ezempju ta' dawk li rrifjutaw, ghazlu li jibqghu jiltaqghu ma' Seybel Zammit;

19. Kwantu l-pjan ta' azzjoni, muhiex mehtieg li ssir il-prova ta' kif kellha tkun subita din it-telfa. Jekk l-appellati qieghdin jistennew li ssir prova tali li turi min kellu jqassam lil min u min ser jaqa' biex il-ballun jghaddi f'saqajn l-opposizzjoni allura huma zbaljati. Il-pjan li l-loghba tintilef favur l-opposizzjoni gia huwa sufficjenti ghaliex wara kollox il-ligi titkellem dwar "sura ta' azzjoni, tkun li tkun". B'anagolija, fl-assocjzzjoni ghal-skop ta' serq minn residenza mhux mehtieg li jkun pruvat li kien hemm pjan li d-delikwenti jidlu mit-tieqa tal-ewwel sular jew mill-bieb principali u min ser joqghod ghassa u minn ser ifittex fir-residenza. Il-qbil li issir is-serq minn dik ir-residenza minn dawk prezenti ikun sufficjenti ghal-prova ta' wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat;

20. L-istess irid jinghad ghat-talba tal-appellat Emanuel Briffa sabiex din il-Qorti tezamina r-registrazzjoni tal-loghba *de quo* bl-iskop li juri li ma kellu ebda konnessjoni mal-*goal* subit mill-iskwadra tieghu. Din il-Qorti mghandhiex ghalfejn tinoltra f'tali ezami ghaliex huwa ben saput u ovvju li l-azzjoni setghet originat minn stanza passiva tal-individwu wara prestazzjoni tajba li allura tista' tisfuma l-kwadru kollu u mghandux ikun dan li jwassal ghal-prova tal-verita' fil-kaz in dizamina;

21. Huwa minnu illi l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh maggorment fuq id-deposizzjoni ta' Seybel Zammit li l-appellati jiddiskrivu bhala xhud inaffidabbli u li jikkontradixxi lilu nniffsu. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa id-deposizzjoni ta' Seybel Zammit u ghalkemm f'xi partijiet minnha jidher li kien xi ftit xott jew ekonomiku, huwa spjega kif mill-*players* kollha li avvicina kienu biss l-appellati li accettaw il-proposta tieghu u li jiltaqghu ma' Ronnie Mackay. Din il-Qorti ezaminat ukoll l-elenku ta' telefonati estrapolati mill-espert nominat mill-ewwel Qorti

minn fejn jirrizultaw telefonati maghmulha minn Zammit lejn iz-zewg appellati;

22. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti rrasenjat ruhha li ma kellhiex dubju li l-imputati kienu ltaqghu ma Seybel Zammit u Ronnie Mckay u tkellmu dwar il-possibilita' li jbieghu l-loghba u fl-istess waqt tikkonkludi li l-akkuza kif kontemplata fl-artikolu 48A ma tirrizultax ghaliex ma jirrizultawx l-elementi kollha tal-assocjazzjoni fosthom li ma kienx hemm il-pjan ta' azzjoni miftiehem. Mill-provi mismugha mill-ewwel Qorti kellu jirrizultalha li l-appellanti iltaqghu mhux darba izda tlett darbiet. Li persuna bhal Seybel Zammit tavvicina lill xi *player* bi proposta li jinxtara certament mghandux, b'daqshekk biss, jissodisfa r-rekwiziti tal-artikolu 48A, izda li tiltaqgha f'zewg okkazzjonijiet ohra dejjem mal-istess persuna li suppost ghandha timbuttak ghaliex taf xi trid minghandek ghandu jwassal ghal-inferenza rassikuranti li l-iskop tal-laqghaqt kien dak ipotizzat f'dan l-artikolu;

23. Il-kompitu ta' din il-Qorti *qua* Qorti ta' appell kriminali hu li wara ezami approfondit tal-fatti tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghalih. Kwantu l-ewwel imputazzjoni mhix konvinta li l-ewwel Qorti setghet tasal biex ma ssibx htija kontra l-appellati meta l-provi, anke jekk indizzjarji kienu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda;

24. Kwantu t-tieni imputazzjoni, dik ipotizzata fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 263, jidher li ghall-ewwel Qorti kollox kien jiddemostra l-konkorrenza tal-element materjali izda mhux dak intenzjonali kawza ta' forza barranija fit-termini tal-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi d-difiza kellha ragun meta ssollevat din il-linja difensjonali izda, ezaminati l-atti processwali mhux biss ma tirrizulta ebda difiza f'dan is-sens talli d-difensuri tal-appellatti kkummentaw quddiem din il-Qorti, li dik il-parti tas-sentenza kienet ghalihom sorpriza ghaliex qatt ma

ssollevawha. Fit-traskrizzjoni tas-sottomissjoniet a fol 251, l-ewwel Qorti kienet staqsiet lid-difiza jekk kienitx rat l-argument ta' koerzjoni u wiegbet bis-sottomissjoni li rinfacjat bl-offerta ta' Seybel Zammit, l-appellant Briffa sab ruhu f'sitwazzjoni li kellu jaghzel jekk jirrapurtax kif obligat bil-konsegwenzi ta' potenzjali tpattija bhalma gralu haddiehor;

25. L-Avukat Generali, fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti, ukoll ddikjara li kien ikun ahjar li l-ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellati ghaliex mhux moralment konvinta mill-htija taghhom milli ssib li l-fatti jirrizultaw izda ezonorathom, kif ghamlet, ai termini tal-artikolu 33(b) tal-Kapitolu 9.

26. L-artikolu 33 tal-Kodici Kriminali jipprovid hekk:

**33. Kull persuna tkun ezenti minn responsabilita' kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas –**

**(a) kienet fi stat ta' genn; jew**

**(b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghatx tirrezisti ghaliha.**

27. Ezaminati l-atti processwali ma kien hemm xejn x'jiddimostra li l-appellati kienu b'xi mod imgieghla b'forza barranija li ma setghux jirrezistu sabiex jaghmlu dak allegat fil-konfront taghhom. Huma mhux biss ma ressqu l-ebda prova in rigward talli lanqas invokaw l-istess bhala punt difensjonali. L-aggravju tal-Avukat Generali ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni hu li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni ghaliex tezonora lill-appellati mir-responsabilita' kriminali wara li sabet konkorrenza tal-fatti materjali tar-reat;

28. L-ewwel Qorti waslet ghas-segwenti konkluzzjoni dwar it-tieni imputazzjoni: "Fil-kaz in ezami l-imputati kkommettew l-atti

materjali tar-reat marbut mal-korruzzjoni tal-*players* kif jipprovdi l-artikolu 3(1) tal-Kap 263". Issa ghalkemm l-ewwel Qorti ma indikatx kif wasslet ghal din il-konkluzzjoni, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi la darba irrizultat pruvata l-ewwel imputazzjoni, jirrizulta ukoll bhala konsegwenza ksur tal-artikolu 3(1) fejn dan jirraviza l-ipotezi li persuna *tiftiehem li taccetta jew tikseb, jew tipprova tikseb* xi rigal jew kumpens. Id-decizzjoni tal-ewwel Qorti kwantu t-tieni imputazzjoni ghalhekk mhix legalment korretta;

29. Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed ikun akkolt u konsegwentement qed thassar is-sentenza appellata u wara li rat l-artikoli 48A tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 3(1) u 9 tal-Kapitolu 263 tal-ligijiet ta' Malta, qed issib lill-appellati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, dawk enumerati 1 u 2;

30. Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-appellati, tqis li l-appellati ghandhom ikunu trattati bhala *first offenders* fit-termini tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk ai termini tal-artikolu 22 tal-istess Kapitolu qed tilliberehom bil-kondizzjoni li ma jghamlux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

31. Tikkundanna lill-appellati ghal hlas ta' terz kull wiehed tal-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9;

32. Il-Qorti spjegat lill-appellati l-obbligi taghhom naxxenti minn din is-sentenza.